# Il-Kwadru ta' Marija Assunta



**Mario Fenech**

Fil-Knisja filjali ta' Marija Annunzjata fir-raħal ta' Ħal Kirkop hemm numru ta' opri sagri sbieħ li qabel kienu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Leonardu jew f'xi knejjes żgħar oħrajn tal-inħawi.

Fost dawn l-opri hemm kwadru ta' interess partikolari li qabel kien fil-Knisja Parrokkjali ta' Raħal Ġdid.

Dan huwa l-kwadru ta' Marija Assunta flimkien ma' San Kosma u San Damjan. L-istorja ta' dan il-kwadru tmur lura sew fis-snin meta fir-rapport tal-Vista Pastorali li kien għamel Monsinjur Pietro Dusina f'Ħal Kirkop fis-sena 1575.



Huwa kien sab knisja qadima li kienet iddedikata lill-Marija Assunta magħrufa bħala Ta' Pinu.

Meta din il-knisja ġiet ipprofanata aktar tard fis-sena 1658 għaliex ma kinitx fi stat tajjeb il-kwadru li kien hemm ġie meħud fil-Knisja ta' San Leonardu u tpoġġa fuq l-artal ta' San Kosma u San Damjan. Dan l-artal kien fil-kappellun tal-kurċifiss.

F'rapport ta' Vista Pastorali li kien għamel fir-raħal l-Isqof Mons. Cocco Palmieri lejn is-sena 1685 huwa sab li d-devozzjoni lejn l-Assunta kienet waħda kbira tant li kien sar kwadru ġdid li fih flimkien max-xbieha tal-Assunta ġew inklużi l-qaddisin San Kosma u San Damjan.

Din l-użanza niltaqgħu magħha f'bosta kwadri fi knejjes oħra fejn kien hemm xi devozzjoni lejn xi qaddis partikolari fuq xi artal u l-kwadru jiġi mibdul, ix-xbieha tiegħu tiġi nkluża fil-kwadru wkoll.

F'dan il-kwadru x-xbieha ta' Marija Assunta narawh fil-parti ta' fuq tat-tila qiegħda tintrefa' 'l fuq lejn is-sema mdawra b'dija ta' kulur dehbi u żewġ anġli żgħar wieħed fuq kull naħa tagħha.

Fil-parti t'isfel tat-tila numru t'appostli madwar il-qabar vojt waqt dan il-mument ta' glorja. Iż-żewġ qaddisin li qabel kellhom dan l-artal iddedikat lilhom, San Kosma u San Damjan, l-artist mhux magħruf li għamel dan il-kwadru poġġiehom fuq in-naħa ta' quddiem tat-tila. Dan għamlu biex dawn il-qaddisin jibqgħu jiġu meqjuma b'devozzjoni xierqa f'din il-knisja.

Il-kwadru dam fuq l-artal għal ħafna snin. Tneħħa mill-post tiegħu flimkien mal-artal biex għamel il-wisa' għan-niċċa l-ġdida tal-istatwa titulari ta' San Leonardo fis-sena 1966.

B'xorti tajba dan il-kwadru ta' Marija Assunta llum jinsab ikkonservat fil-Knisja tal-Lunzjata mhux wisq 'il bogħod mill-Knisja Parrokkjali.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.